**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Novembru, 2016

**Il-Pulizija**
(**Spettur Kylie Borg**)
**-vs-**
**Nicola Ellul detentur tal-karta ta' l-identita numru 441858(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 343/2015

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Nicola Ellul u ċioè talli:

Nhar l-24 ta' Jannar, 2015, u fil-ġranet u s-snin ta' qabel, f'inħawi differenti f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra u ċjoè lil martu Maria Dolores Ellul billi segwa l-persuna tagħha bil-moħbi u kkaġunalha allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum tagħha.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-3 ta' Gunju, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 251A u 251AA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 251BA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e) Fl-artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fl-udjenza tallum l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li

[1] Fol.448

certament ma saritx f'xi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tieghu li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghal din il-Qorti, kif ukoll tal-fatt li dak li ghamel, zbaljat kemm kien zbaljat, sar sabiex jipprova jsalva z-zwieg minn tieghu.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 251A, 251BA, 222(1) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba snin.

Biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mary Ellul, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' €1885.05 rapprezentanti spejjez peritali fi zmien sentejn snin ratejalment bl-ewwel pagament issir dovut fl-ahhar ta' Dicembru 2016.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**